# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/706

**tas-26 ta' Mejju 2020**

**li jemenda għat-tliet mija u erbatax-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjonijiet Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-organizzazzjonijiet Al-Qaida ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a) u l-Artikolu 7a(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fil-21 ta' Mejju 2020, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid annotazzjoni waħda mal-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi emendat skont dan.

(4) Biex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President*
*Id-Direttur Ġenerali*
*Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, tiddaħħal l-entrata li ġejja taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

"Amir Muhammad Sa'id Abdal-Rahman al-Mawla (skritt oriġinali: أمير محمد سعيد عبد الرحمن المولى) (kwalità tajba *alias* (a) Abu Ibrahim al-Hashimi al-Qurashi, (b) Hajji Abdallah, (c) Abu 'Umar al-Turkmani, (d) Abdullah Qardash, (e) Abu 'Abdullah Qardash, (f) al-Hajj Abdullah Qardash, (g) Hajji Abdullah Al-Afari, (h) `Abdul Amir Muhammad Sa'id Salbi, (i) Muhammad Sa'id `Abd-al-Rahman al-Mawla, (j) Amir Muhammad Sa'id 'Abd-al-Rahman Muhammad al-Mula; kwalità baxxa *alias* (a) Al-Ustadh, (b) Ustadh Ahmad). Data tat-twelid: (a) 5.10.1976, (b) 1.10.1976. Post tat-twelid: (a) Tall'Afar, l-Iraq, (b) Mosul, l-Iraq. Nazzjonalità: Iraqqin. Tagħrif ieħor: Mexxej tal-Istat Islamiku fl-Iraq u l-Levant, elenkat bħala l-Al-Qaida fl-Iraq. Data tan-nomina kif imsemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 21.5.2020."